**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 51**

**Il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:30h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Dr. Mary Muscat | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **51.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 51.1.1 | Xejn |
| 51.1.2 | Ġie innutat li l-Kunsillier Daniel Zerafa ser jasal ftit minuti tard. |
| **51.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 49** |
| 51.2.1 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 49 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **51.3** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Seduta b'urġenza 50** |
| 51.3.1 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala koretti, il-minuti tas-seduta b'urġenza numru 50 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **51.4** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 51.4.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-2 ta' Novembru 2022 is-Sindku kellu laqgħa l-Ministeru tat-Turiżmu fejn ġie diskuss il-Monti ta' matul il-ġimgħa u kif ser isisr il-Masterplan. Il-Kunsill għadu qed jaqbel li l-masterplan irid isir u s-Sindku għandu jibqa jagħfas fuqu kemm jista'. |
| 51.4.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-3 ta' Novembru 2022 is-sindku kellu laqgħa l-Infrastucture Malta biex jaraw liema toroq ser jiġu rranġati u wara attenda laqgħa oħra mas-Su Ramon Deguara mill- Cleansing Department fejn ġiet diskussa il-Latrina tal-Magħluq. Is-Sindku qal li ġie propost li jsiru showers fil-public toilets. |
| 51.4.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-8 ta' Novembru 2022 is-Sindku kellu *press Conference* fejn preżenti kien hemm l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli fejn ingħataw il-fondi għall-bandli. |
| 51.4.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil- 21 ta Novembru 2022 attenda għall-laqgħa ta konsultazzjon dwar l-istrateġija fejn ġie diskuss il-ġbir tal-iskart kif ukoll fuq il-latrini pubbliċi. Is-SRindku qal li jekk min naħa tal- Gvern il-latrini pubbliċi jiġu bil-flus japplika sabiex titranġa il-latrina l-oħra. Kien hemm qbil fuq l-iskema tal public toilets.<br>Semma ukoll li ir-reġjun qed jaffaċja problema peress li kien ingaġġa 6 persuni li jgħinu il-kunsilli imma dawn mhux ser jibqgħu jitħalsu mil gvern u għalhekk ir- Regjun/Kunsill iridu jerfgħu l-piz. |
| 51.4.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li kellu laqgħa mal l-Onor. Dr. Owen Bonniċi fejn ġie diskuss il-monti. Waqt din il-laqgħa gie diskuss ukoll il-Fawwara fejn ġiet proposta tinda moderna. Kellu laqgħa oħra mas-Sur Andy Ellul ġewwa kastilja fej tkompliet id-diskussjoni tal-Masterplan. |
| 51.4.6 | Is-Sindku qal li bagħtu kjarifika ta' kif ser isir il-proġett tad-dog park u ġie spjegat kif ser jintużaw il-fondi. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm multa fuq illegalità u tħalset is somma ta €69,000 hu żied jgħid li ser jitlob biex dawn jingħataw lill-Kunsill sabiex jintużaw għal dan il-proġett. |

| | |
|---|---|
| 51.4.7 | Is-Sindku ppreżenta l-pjanti kif jista jitqassam il-monti. Bejn il pjanti li għandna il-Kunsill ser jipprova jsib it-triq tan-nofs, li joqgħodu 35 posta. Posti ta' 18 il-pied żgur mhux vijabli. Kien hemm qbil unnanimu bejn dawk preżenti. |
| 51.4.8 | Il-Laqgħa Ġenerali Annwali: Ġie propost li ssir fil-15 ta' Diċembru 2022 fis-18:00h. Sar qbil unnanimu mill-Kunsilliera preżenti. |
| **51.5** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 51.5.1 | Elenia Desira staqsiet hemmx *cameras* ħdejn il-magna tal-BCRS - fejn filfatt hemm waħda. Is-Sindku qal ukoll li ser jitlob biex issir camera oħra u din tkun imqabda mal-LESA. |
| 51.5.2 | Elenia Desira staqsiet jekk hux possibli li jsiru linji tal- parking bays fi Triq l-Arżnell. Sar qbil biex dawn isiru. |
| 51.5.3 | Stephen Caruana ressaq ilment fejn qal li fin naħa tal-Magħluq qed jarmaw il-monti mal-laneċ. Is-Sindku qal li dawn bħalissa qedin jarmaw mingħajr permess però il-quddiem kif pjanat ser ikun hemm il-monti. |
| **51.6** | **3rd Quarterly report: Lulju –Settembru** |
| 51.6.1 | L-Accountant Karl Cutajar, għadda Rapport Finanzjarju tal-Kunsill fejn spjega li, għallkemm hemm żieda fid-*defiċit* ma jfissirx li il-Kunsill għandu id-dejn. Dan ifisser biss li ntefqu aktar finanzi milli kien previst minn fondi riservati. L-accountant irrimarka li jeħtieġ li sal-aħħar tas-sena titrażżan in-nefqa sabiex ma jibqax jiżdied dan id-defiċit.<br><br>Is-Sindku wieġeb li biex isir hekk iridu jieqfu l-proġetti li qed isiru. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li peress li l-pjan tal-binja tal-Kunsill qiegħed *on hold,* il-Kunsill iddeċieda li jagħmel proġetti oħra bil-fondi mwarba. |
| 51.6.2 | B'referenza g]al 51.4.6 id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, żied jgħid li l-Kunsill applika għall-fondi biex isir *Dog Park*. Il-massimu li jista jingħata l-kunsill hu €100,000 fejn dan il-proġett hu stmat li ser jiswa lil kunsill ċirka €210,000. Dawn il-fondi ser jittieħdu mill-fondi mfaddla u qed jiġi maħsub ukoll biex jippruvaw iġibu fondi oħra sabiex itaffu min nefqa totali. |
| 51.6.3 | L-accountant kompla jispjega u qal li meta tħares lejn l-stampa kollha joħrog li l-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni finanzjarja tajba imma jrid isir kalkolu ta' kull spiza li ssir biex jibqa' kollox taħt kontroll. |
| 51.7 | **Inawgurazzjoni Vettura tal-Kommunità** |
| 51.7.1 | Fit-22 ta' Novembru fis-2:00h, ser issir konferenza stampa sabiex jiġu inawgurati l-Bandli tal-Magħluq u s-servizz bil-vettura tal-kommunità. Ser ikunu mistiedna l-Onor. Ministru Dr Owen Bonnici u Segretarju Parlamentar Dr. Alison Zerafa Civelli. Il-Kunsilliera huma mistienda sabiex jattendu. |

| | |
|---|---|
| **51.8** | **Planning Authority** |
| 51.8.1 | Daniel Zerafa irraporta li hemm ħafna *enforcements notices* fl-*area* ta' Dellimara. |
| **51.9** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 51.9.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda Din ġiet approvata b'mod unnanimu bejn dawk preżenti. |
| **51.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 51.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17.35pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2022, fl-16.30h. |

Ikkonfermati, illum 15 ta' Dicembru 2022

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*